# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Gunju 2002**

**Numru 5**

**Avviz numru 1224/00mm**

**Anthony Debattista ezercitanti l-kummerc taht l-isem "Alphabetic Press"**

**Vs**

**Carmelo Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fis-7 ta' Settembru, 2000, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm431.70) bilanc ta' prezz ta' servizz u xoghol ta' stampar rezi lill-konvenut mill-attur kif ukoll l-imghaxijiet relattivi sal-hlas effettiv mid-data tal-fatturi relattivi hekk kif indikat fl-anness prospett immarkat bhala "Dok A".

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-15 ta' Lulju, 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. L-ammont mitlub mill-attur mhuwiex dovut stante li huwa esagerat. Il-fatt illi l-kontendenti ma ftehmux prezz meta l-attur inghata l-inkarigu ma jaghtix id-dritt lill-istess attur li jitlob prezz sproporzjonat kif qed jaghmel.

2. Il-konvenut diga hallas is-somma ta' hames mija disgha u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm539.25) lill-attur, liema somma hija altru minn wahda sufficjenti ghax-xoghol li sar.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali. L-attur jezercita l-kummerc taht l-isem ta' Alphabetic Press u ghandu stamperija fi Triq Mons. De Piro, il-Hamrun.

F'Mejju u Gunju tas-sena 2000, il-konvenut kien qed jopera Luna Park u kien qabbad lill-attur sabiex jistampalu l-biljetti ghal dan l-avveniment. Ma kienx hemm ftehim partikolari dovut mhux ftit ghar-relazzjoni amikevoli illi kienet tezisti bejn il-partijiet. Fil-fatt l-attur kien diga hadem xi ammont kbir ta' biljetti ghal xi avveniment go Ghawdex u ta' dan thallas minghand il-konvenut fejn giet irrilaxxjata d-debita rcevuta.

Meta l-konvenut gie biex jopera l-Luna Park Malta, kif gia nghad avvicina lill-attur biex jahdimlu l-biljetti. Ghall-ewwel inhadmu hamsa u tletin elf (35,000) biljett. Izda jidher illi kien hemm xi problema mal-VAT u ghalhekk dawn il-biljetti kellhom jigu stampati b'mod biex ikunu accettabbli ghad-Dipartiment. Ma jidhirx illi dawn il-biljetti gew stampati kollha f'salt, peress illi rrizulta illi l-konvenut kien icempel lill-attur kull filghodu jew almenu ta' spiss sabiex jordna l-biljetti ghal diversi *events* illi kien hemm fil-Luna Park.

L-attur jghid illi telaq ix-xoghol kollu sabiex jaqdi lill-konvenut u ma kull konsenja ta' biljetti kien jaghtih *invoice*. Fl-ahhar il-konvenut kien qal lill-attur sabiex jahdimlu l-biljetti kollha li kien fadal ghall-ahhar hmistax-il (15) gurnata. Dawna gew stampati b'valur ta' mitejn lira Maltin (Lm200) izda baqghu ghand l-attur peress illi l-konvenut ma marx ghalihom.

Meta spicca l-Luna Park, l-attur baghat *statement* lill-konvenut pero' ma sema' xejn aktar. Darba minnhom, il-konvenut mar ghand l-attur u jidher illi kien hemm argument shun bejnithom. Il-konvenut hallas mitt lira Maltin (Lm100) illi gew accettati mill-attur '*on account*'.

Meta l-konvenut baqa' jirrifjuta li jhallas il-bilanc, saret din il-kawza.

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid illi filwaqt illi huwa jikkonferma illi ghamel l-ordnijiet ma' l-attur, dehrlu li l-prezzijiet kienu qed ikunu gholjin wisq.  Skond l-ewwel *invoice* illi huwa rcieva fid-9 ta' Mejju, 2000, il-biljetti kienu qed jigu jiswew disgha u tmenin centezmu (89c) kull pakkett.  Gibed l-attenzjoni ta' l-attur ghal dan il-fatt u ghalhekk ma ffirma l-ebda *delivery order*.

Skond it-tieni *invoice* l-attur kien qieghed jitlob hlas bir-rata ta' wiehed u disghin centezmu (91c) l-pakkett.

Skond it-tielet *invoice*, bir-rata ta' lira u ghoxrin centezmu (Lm1.20) kull pakkett.  Din l-ahhar *invoice* iggib id-data 24 ta' Mejju, 2000.

Il-konvenut jghid illi stante l-pressjoni ta' xoghol illi kellu u l-urgenza ma kienx facli ghalih illi jqabbad lill-haddiehor u ghalhekk baqa' jiehu l-ordnijiet minghand l-attur.  Meta l-Luna Park spiccat topera u rcieva l-i*statement*, mar sab lill-attur u kellhom argumenti dwar il-hlas. Waslu f'kompromess illi l-konvenut jhallas mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) ghas-saldu.  Dak il-hin hallas mitt lira Maltin (Lm100) u kien bihsiebu jhallas hamsin lira Maltin (Lm50) ohra u kien ghalhekk illi ma nghatatx ircevut *in full and final settlement*.  Dawn il-hamsin lira Maltin (Lm50) pero' baqghu ma thallsux.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib illi hemm nuqqas ta' etika professjonali bejn il-partijiet meta dawn dahlu ghal dan ix-xoghol minghajr ma ftehmu minn qabel dwar ir-rata ta' hlas. Veru illi kien hemm certa hbieberija, pero' min-naha l-ohra kien hemm certa pressjoni fuq l-attur sabiex jaqdi lill-konvenut fi zmien qasir u ghalhekk il-Qorti tippretendi li ghal din il-pressjoni u urgenza l-attur haqqu jithallas b'rata ghola minn dawk normalment stabbiliti fejn ma jkunx hemm urgenza ghax-xoghol rikjest.  Kif jghid l-istess konvenut ipprova jsib lil haddiehor biex jahdimlu u ma sabx u dana bir-ragun il-ghaliex ma tistax tippretendi illi ser issib lil xi hadd jahdem dak it-tip ta' xoghol *on short notice* minghajr ma jithallas ghal dik l-urgenza illi kienet qed tigi mposta fuqu.

Il-konvenut ircieva l-ewwel *invoice* ghal habta tad-9 ta' Mejju, 2000, u kien hawnhekk li l-ewwel induna illi r-rata kienet qed tkun wahda gholja.  Madanakollu, gibed biss l-attenzjoni ta' l-attur ghal dan il-fatt u baqa' jircievi l-ordnijiet minghandu.  Mhijiex skuza tal-konvenut meta jghid illi huwa ma ffirma l-ebda *delivery order*.  Il-fatt huwa illi l-merkanzija rceviha, ghamel uzu minnha, thallas u ghamel il-profitti, huma kemm huma.  U ghalhekk l-attur ghandu dritt jithallas ghax-xoghol illi ghamel skond ir-rata illi dehrlu opportun stante l-urgenza u l-kwantita' tax-xoghol.

Kif gia nghad, il-konvenut baqa' jircievi l-*invoices* u jikkalkula r-rata ta' kull pakkett.  Madanakollu dehrlu li jibqa' jaghmel l-ordnijiet.  Zgur li sa' l-24 ta' Mejju, 2000, il-konvenut kien ghadu qed jircievi l-nerkanzija minghand l-attur.  F'dan l-istadju l-konvenut kien jaf illi kien qieghed jigi mitlub ihallas rata ghola minn ta' haddiehor.  Allura kien kompitu tieghu illi jiddeciedi x'kien sejjer jaghmel, jew jieqaf

kompletament ir-relazzjoni kummercjali illi kellu mal-konvenut jew inkella jkompli jahdem mieghu skond ir-rata li l-attur kien qieghed jimponi.

Mhijiex skuza illi l-konvenut jghid illi ma kellux ghazla ohra.  Il-konvenut kellu ghazla u kienet li ma jibqax jaghmel ordnijiet.  Jekk dina kienet ser taffettwa hazin in-negozju tieghu, allura din hija affari tieghu u kellu jahdem il-bilanci kif jaqbillu, jew imur hazin fin- negozju minhabba n-nuqqas ta' biljetti jew inkella jmur tajjeb fin-negozju pero' jhallas prezz gholi ghall-biljetti, tenut kont l-urgenza u l-konsenja mghaggla ta' l-istess biljetti.

Hawnhekk il-konvenut ghazel illi minkejja kollox kien jaqbillu aktar ikompli jahdem mall-konvenut u jircievi l-biljetti halli l-Luna Park tkun tista' tibqa' topera.  Kienet ghazla tieghu, gawda minnha, ha l-prodott u ma jistax issa jdur fuq l-attur u jghidlu illi r-rati tieghu kienu gholjin wisq.  Il-konvenut kien jaf sew x'kienu dawn ir-rati mill-bidunett hekk kif irvcieva l-ewwel *invoice* u kien jaf x'inhuma dawn ir-rati ma kull *invoice* illi kien qieghed jircievi.  Madanakollu huwa accetta l-merkanzija u ghamel uzu minnha u ha l-gwadan taghha. Ghalhekk irid jerfa' r-responsabbilta' ta' dan il-gwadan u jrid ihallas il-ko-rispettiv tieghu, kif jghallem id-dritt Ruman: "Qui sentit commodum sentire debet et onus."

Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni mill-partijiet dwar il-kwantita' ta' biljetti stampati u ghalhekk l-ammont mitlub mill-attur huwa wiehed li jirrifletti dan l-ammont u stante dak illi nghad, il-Qorti jidhrilha li t-talba hija gustifikata.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm431.70) bilanc ta' prezz ta' servizz u xoghol ta' stampar rezi lill-konvenut mill-attur.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur